MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 142/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Oliver Agius**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm513.23c (hames mija u tlettax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-‘mobile phone’ bin-numru: 99422024.

Minkejja interpellat sabiex ihallas diversi drabi l-konvenut baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fl-Avviz tat-talba kien dovut sad-data tal-pagament.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------